**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 17 ta' Lulju 2017**

**Rikors Numru 323/2013**

**Johan Micallef**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Johan Micallef** fl-20 ta' Novembru 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*" 1. Illi jigi spjegat illi l-esponent jiggestixxi negozju ta' garr ta' passiggieri bil-bahar, ossia l-esponenti huwa operatur ta' ''water taxi'' bejn Tas-Sliema u Marsamxett, Valletta u bejn il-Belt Valletta u Bormla;*

*2. Illi l-esponenti huwa debitament licenzat mill-Awtorita' intimata biex iwettaq tali servizz u ilu hekk licenzjat ghal numru ta' snin (Licenzja Nru CVOL TM/PYD/40/03/330 u Licenzja Nru CVC TM/PYD/90/1/205);*

*3. Illi fl-2011 l-Awtorita' intimata harget tender intitolat ''Provision of Scheduled Maritime Ferry Services for the Grand Harbour and Port of Marsamxett'' liema tender gie aggudikat minn terz operatur;*

*4. Illi b'decizjoni ma' dan l-istess tender, l-Awtorita' intimata harget Port Notice Number 13/2002 intitolata ''Provision of Scheduled Maritime Ferry Services for the Grand Harbour and Port of Marsamxett: exclusivity of landing places'';*

*5. Illi bhalissa ghaddejjin proceduri bil-ghan li jattakkaw il-legalita' ta' dan il-Port Notice de quo, u liema proceduri jgibu n-numru 923/2012 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef;*

*6. Illi a skans ta' kull dubju dawn il-prezenti proceduri quddiem dana l-Onor. Tribunal huma bla pregudizzju ghall-posizzjoni tal-esponenti fil-kawza surreferita;*

*7. Illi permezz ta' ittra datata 12 ta' Novembru 2013 (annessa u mmarkata DOK JM 1), l-esponenti gie mgharraf illi l-licenzji surreferiti gew sospizi ghal erbghin (40) gurnata u senjatament sat-22 ta' Dicembru 2013;*

*8. Illi di piu' l-esponenti gie intimat permezz tal-istess ittra illi l-Awtorita' tista' addirittura tiehu mizuri ulterjuri ta' sospensjoni u sahansitra revoka tal-istess licenzji;*

*9. Illi jidher illi dawn il-minaccji u decizjonijiet amministrattivi huma motivati minn konsiderazzjonijiet infondati u mhux fattwali u/jew addirittura stigati minn rapporti infondati tal-kompetitur tal-esponenti;*

*10. Illi dan kollu ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh tal-kawza.*

*Ghalhekk tghid l-Awtorita' intimata ghaliex m'ghandux dan it-Tribunal prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra opportuna:*

*1. Jiddikkjara u jiddeciedi illi d-decizjonijiet komunikati mill-Awtorita' intimata permezz tal-ittra tat-12 ta' Novembru 2013 kif ukoll kwalsiasi decizjoni, mehuda jew minaccjata, mill-istess Awtorita' relatata jew ancillari hija infondata, u konsegwentement nulla u bla effett; u*

*2. Jiddikkjara u jiddeciedi illi ghaldaqstant tali decizjonijiet ma jorbtux lill-esponent. "*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fis-17 ta' Jannar 214 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi dawn huma proċeduri t'appell minn deċiżjoni tal-Awtorità Għat-Trasport f'Malta li biha issospendiet liċenzi marittimi f'isem Johann Micallef.*

*1.0 Il-fatti tal-każ*

*Illi Johann Micallef jopera servizzi ta' water taxis fil-portijiet ta' Malta u, għal dan il-għan, għandu f'ismu liċenzi maħruġa lilu mill-Awtorità ai termini tar-Regolamenti dwar Bastimenti Kummerċjali – senjatament liċenza ta' operatur ta' bastimenti kummerċjali [Commercial Vessels Operator's Licence] u ċertifikat ta' bastimenti kummerċjali [Commercial Vessels Certificate - CVC] li jgħajjat lid-dgħajsa (water taxi) bin-numru S-11590.*

*Illi l-appell jirreferi senjatament għal deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità u mgħarrfa lill-esponenti permezz ta' ittra tat-12 ta' Novembru, 2013 illi permezz tagħha dawn il-liċenzi kienu ġew sospiżi. Micallef qiegħed jikkontesta din id-deċiżjoni. Għandu jingħad però illi din l-ittra kienet preċeduta minn diversi ittri, twissijiet u direttivi mibgħuta lil Micallef mill-Awtorità [u mogħtija wkoll verbalment] illi fihom huwa ġie msejjaħ sabiex jottempera ruħu mal-liġi. Dawn it-twissijiet ġew għal kollox injorati.*

*Illi jkun opportun illi jingħata ftit l-isfond fattwali li wassal għal dawn il-proċeduri.*

*Illi l-kwestjoni kollha jidher illi bdiet minn Port Notice Numru 13 tal-2012 – Provision of Scheduled Maritime Ferry Services for the Grand Harbour and the Port of Marsamxett – Exclusivity of Landing Places. Din il-Port Notice tistipula illi ċerti rotot ġewwa l-Port ta' Marsamxett u l-Port il-Kbir setgħu jinħadmu esklussivament mill-operatur illi ntgħażel wara sejħa pubblika sabiex jopera ix-Scheduled Maritime Ferry Services fil-portijiet ta' Malta – ċjoe, il-kumpanija Marsamxetto Steam Ferry Services Limited.*

*F'liema kuntest ħarġet din il-port notice? L-Awtorità intimata kienet nediet sejħa pubblika għall-offerti għal Scheduled Maritime Ferry Services for the Grand Harbour and Port of Marsamxett (TM 100/2011). L-għan ta' din is-sejħa pubblika u tal-kuntratt li eventwalment ġie iffirmat kien li l-pubbliku jiġi provdut b'servizz ta' transport marittimu ġewwa l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett illi jingħata matul is-sena kollha, ta' kuljum, regolari, effiċjenti u bi prezzijiet raġonevoli. Dan il-ferry service huwa alternattiva prattika għal trasport bl-art u li jintegra ruħu mas-servizzi oħra eżistenti ta' trasport pubbliku, inkluż il-lift il-ġdid f'Xatt Lascaris.*
*Illi l-kuntratt, illi ngħata wara proċeduri pubbliċi ta' tendering, jispeċifika illi l-operatur għandu joffri vjaġġi minn u lejn il-Belt Valletta mis-Sliema Ferries, Marsamxett, Xatt Lascaris u Inner Dockyard Creek skont timetable stabbilita u mill-anqas kull nofsiegħa. I l-kuntratt jistabbilixxi wkoll tariffa massima illi ma taqbiżx € 1.50 kull vjaġġ, bi prezzijiet orħos għal ċerti persuni bħal anzjani u studenti;*
*Illi l-Awtorità irriżultalha illi biex servizz regolari bħal ikun ekonomikament vijabbli għall-operatur, dan għandu jingħata esklużività fiż-żona li jopera minnhom, speċjalment billi l-investiment illi neċessarjament jeħtieġ li jsir biex jiġi assigurat il-livell ta' servizz mitlub fil-kuntratt. Is-sejħa għall-offerti kienet tindika li se tingħata din l-esklussività.*
*Illi biex tattwa din l-esklużività, l-Awtorità ħarġet il-Port Notice fuq imsemmija 13/2012 prettament fil-binarji tal-poteri u r-responsabbiltajiet tagħha bħala regolatriċi tal-kwestjonijiet marittimi f'Malta.*

*Illi bħala direttiva tal-Awtorità, il-port notice għandha tiġi segwita mill-operaturi kollha ta' bastiment kummerċjali, inkluż l-istess Johann Micallef.*

*Illi madanakollu, Micallef baqa' b'mod insistenti u konsistenti jinjora l-port notice u jopera r-rotot u juża l-landing places esklussivi għall-operaturi tax-Scheduled Services.*

*Illi fl-1 t'Awwissu, 2013 Micallef ingħata formal warning mill-Awtorità fis-sens illi l-liċenzi tiegħu ta' operatur kienu qed jiġu sospiżi sakemm ma jintrabatx illi jirrispetta l-port notice 13/2012 [**Dok TM 1 u TM 2**].*

*Illi Micallef, erbat ijiem biss wara iffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens u s-sospensjoni twaqqfet **[TM 3]**.*

*Illi madanakollu, huwa kompla bil-ksur tiegħu tal-Port Notice u għalhekk fit-23 t'Awwissu, 2013 reġa ngħata suspension u twissija finali [**TM 4**]. Dakinhar stess Micallef ressaq l-argumenti tiegħu għalfejn m'għandux jingħata s-sospensjoni, iżda dawn ġew miċħuda mill-Awtorità u s-sospensjoni ikkonfermata **[TM 5]**.*

*Illi dan il-ksur ripetut tal-port notice kompla kif tixhed korrispondenza oħra tal-10 t'Ottubru, 2013 **[TM 6]** u tal-31 t'Ottubru, 2013 **[TM 7]**.*

*Illi mhux kontestat illi hemm pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili proċeduri illi fihom Micallef qiegħed jattakka l-validità tal-esklussività mogħtija lil Marsamxetto Steam Ferry Service LImited [Rikors ġuramentat 923/12 JRM]. Madanakollu għandu jingħad illi dawn il-proċeduri għadhom pendenti u preżentement ma hemm ebda ordni viġenti tal-Qorti illi l-port notice m'għandhiex tiġi applikata.*

*Illi għall-kuntrarju, f'Settembru 2012 kien ġie ippreżentat rikors għall-ħruġ ta' mandat t'Inibizzjoni minn numru ta' operaturi fosthom Johann Micallef, illi ttentaw jinibixxu lill-Awtorità milli tipproċedi bil-ftehim dwar Scheduled Ferry Services proprju minħabba l-oġġezzjoni tagħhom dwar l-esklussività [mandat ta' inibizzjoni 1349/2012 NC]. Din it-talba ġiet miċħuda.*

*Illi għalhekk Micallef ma jistax jippretendi illi jibqa' jikser il-port notice sempliċiment għaliex hemm pendenti proċeduri illi fihom qed jittenta jattakkaha.*

*Illi inoltre, kif ser jiġi ippruvat fil-mori tal-proċeduri, Micallef instab li kiser regolamenti oħra taħt ir-Regolamenti dwar Water Taxis u taħt ir-Regolamenti dwar Bastimenti Kummerċjali u mhux biss dwar relattivi għall-port notice in kwestjoni.*

*Illi fi kliem ieħor, id-deċiżjoni tat-12 ta' Novembru, 2013 **[TM 8]** li qed tiġi appellata wieħed irid jikkunsidraha bħala l-kulmine ta' numru ta' twissijiet illi ngħata Johann Micallef u li huwa konsistentement baqa' jinjora.*

*2.0 L-eċċezzjonijiet tal-Awtorità*

*Illi fid-dawl tas-suespost, l-Awtorità esponenti umilment tissottometti illi l-appell ta' Johann Micallef m'għandux jintlaqa' għas-segwenti raġunijiet:*

*(i) Illi jidher li Micallef mhuwiex qed jiċħad illi kiser direttivi tal-Awtorità, senjatament Port Notice 13/2012, iżda qiegħed jippretendi illi jista' jagħmel dan liberament u dan għaliex hemm proċeduri pendenti illi jattakkaw il-validità tal-esklussività mogħtija lill-operatur tal-ferry service. Dan l-argument huwa legalment infondat għaliex sakemm ma*

*jkunx hemm ordni/deċiżjoni tal-Qorti li tannulla l-port notice din għandha titqies applikabbli u valida.*

*(ii) Illi, fid-dawl tal-fatti kif spjegati aktar 'il fuq, l-Awtorita' kellha raġunijiet validi u oġġettivi għas-sospensjoni imposta, speċjalment meta wieħed jaraha fil-kuntest ta' ksur ripetut ta' direttivi tagħha.*

*(iii) Mhux minnu illi l-Awtorita qiegħda "timminaċċja" lill-appellant. Hija qiegħda sempliċiment twissih sabiex jopera skond il-liġi. Bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad illi ordni leġittima ta' Awtorità pubblika hija "theddida".*

*3.0 Konklużjoni*

*Illi għar-raġunijiet fuq mogħtija, l-Awtorità esponenti titlob illi l-appell imressaq minn Johann Micallef jiġi miċħud u illi hija tiġi liberata mill-osservanza, bl-ispejjeż kontra l-istess appellant."*

Ra l-verbal tat-30 ta' Mejju 2014 fejn il-partijiet infurmaw lit-Tribunal li kien hemm pendenti kawza mibdija mir-rikorrenti u ohrajn quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rikors Guramentat Numru 923/12) li tirrigwarda mertu relatat mal-kawza odjerna u ghaldaqstant talbu li l-provi mismugha f'dik il-kawza jigu prodotti fil-kawza odjerna;

Ra illi fl-istess seduta it-Tribunal laqa' l-imsemmija talba;

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Ra illi fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2016 il-partijiet ipprezentaw nota konguntiva bl-atti kollha prodotti fil-process quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

Sema' x-xhieda ta' Dr. Robert Vassallo;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent, li jopera servizz ta' *water taxi* hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 12 ta' Novembru 2013 fejn infurmatu illi l-licenzji kemm tal-*water taxi* u kemm tieghu bhala operatur kienu qed jigu sospizi ghal erbghin (40) gurnata.[1]

Illi minn qari tal-imsemmija decizjoni jirrizulta illi tali decizjoni ittiehdet ghaliex skond l-Awtorita` intimata, ir-rikorrent baqa' jinjora

[1] Dok TM 8 a fol 32

Port Notice numru 13 tal-2012 (*Provision of Scheduled Maritime Ferry Services for the Grand Harbour and the Port of Marsamxett – Exclusivity of Landing Places)*[2] aktar 'il quddiem imsejjha "il-Port Notice" u d-direttivi u direzzjonijiet moghtija precedentement mill-istess Awtorita`. Fl-istess decizjoni l-Awtorita` intimata ccitat twissija u sospensjoni moghtija lir-rikorrent fl-1 ta' Awissu 2013, dikjarazzjoni tar-rikorrent datata 5 ta' Awissu 2013 fejn huwa kien obbliga ruhu li jaderixxi ruhu mal-legislazzjoni vigenti u d-direttivi tal-Awtorita` intimata, liema nuqqas kellu jwassal ghar-revoka tal-*Commercial Vessel Operator's Licence (CVOL)* u tal-*Commercial Vessel's Certificate (CVC)*. L-Awtorita` ghamlet referenza wkoll ghas-sospensjoni u twissija finali tat-23 ta' Awissu 2013 fejn ir-rikorrent gie mwissi illi jekk kien se jkun hemm xi ksur iehor da parti tieghu kemm is-CVOL u c-CVC kienu se jigu sospizi ghal perjodu indefinit jew sahansitra revokati. Fl-ahharnett ghamlet ukoll referenza ghas-sospensjoni, multa u twissija datati 10 ta' Ottubru 2013 fejn ir-rikorrent gie ghal darb'ohra mwissi illi jekk jibqa' jikser id-disposizzjoniiet tal-ligi, kemm is-CVC u kemm is-CVOL kienu se jigu sospizi ulterjorment jew sahanistra jigu revokati u/jew se jigu mposti multi amministrattivi.

Illi da parti tieghu ir-rikorrent qieghed jimpunja l-legalita` tal-Port Notice citata aktar 'il fuq permezz ta' proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u isostni li l-azzjonijiet tal-Awtorita` intimata fil-konfront tieghu huma motivati minn konsiderazzjonijiet infondati u mhux fattwali u/jew addirittura stigati minn rapporti infondati tal-kompetitur tieghu.

**Ikkunsidra:**

Illi jirrizulta illi din il-kwistjoni qamet minn Port Notice numru 13 tal-2012, liema Port Notice dahlet fis-sehh wara li l-Awtorita` intimata harget sejha ghall-offerti ghal *Scheduled Maritime Ferry Services for the Grand Harbour and Port of Marsamxett*. Illi mir-risposta tal-Awtorita` intimata jirrizulta illi nhasset il-htiega li tinghata l-esklussivita lill-operatur maghzul peress li jekk dan ma kienx se jsir ma kienx se jkun ekonomikament vijabbli li dan jopera s-servizz ta' trasport bil-bahar fil-portijet imsemmija.

Illi skond l-Awtorita` intimata, ir-rikorrent injora konsistentement din il-Port Notice u baqa' jopera r-rotot u juza l-*landing places* esklussivi ghall-operatur maghzul ghax-*Scheduled Services*. Kwindi l-Awtorita`

---

[2] Dok A a fol. 62

intimata kellha tiehu certu mizuri biex tassigura li l-istess Port Notice tigi mharsa.

Illi da parti tieghu, **ir-rikorrent** jispjega illi huwa kien ilu jopera s-servizz ta' *water taxi* mill-2012. Jghid li huwa ma kienx ghamel offerta ghat-*tender* tas-servizz ta' trasport tal-bahar mahruga mill-Awtorita` intimata. Pero` jispjega illi huwa kien ra l-kundizzjonijiet tal-istess *tender* minn fuq *tender* li kien gabar habib tieghu, liema *tender* kien jghid car illi *"The scheduled ferry service must complement the other alternative maritime transportation such as water taxis and traditional boats."* Ghalhekk huwa fehem li x-xoghol tal-*water taxis* ma kienx se jigi effettwat u ghalhekk ma ghamilx l-offerta tieghu u dana peress ukoll li l-Awtorita` intimata assigurat lin-nies li kienu qed joperaw *water taxi* li xogholhom ma kienx se jigi affettwat negattivament. Jispjega, pero`, illi f'Settembru 2012 harget il-Port Notice in kwistjoni li permezz taghha l-opertur li nghata t-*tender*, inghata wkoll l-eskussivita` tal-*landing places* tal-*water taxi stands* li qabel kienu juza hu u shabu biex b'hekk ma setghax ikompli ghaddej b'xogholu.

**Il-Kaptan David Bugeja,** Kap tad-Direttorat tal-Ports u l-Yachting u Harbour Master, spjega illi huwa kien involut fil-process tat-*tender* imsemmi iktar 'il fuq u anke fil-hrug tal-Port Notice in kwistjoni. Jghid li ghalkemm kien hemm ix-*scheduled ferry service*, l-operaturi tal-*water taxis* xorta setghu jibqghu joperaw ad eccezzjoni ta' rotta partikolari u cioe` dik specifikata fil-Port Notice. Huwa spjega li l-operatur maghzul qieghed joffri zewg rotot, u cioe`, dak bejn tas-Sliema u l-Belt u rotta ohra bejn il-Belt u l-Cottonera. Jispjega wkoll li t-tariffi ghal dan is-servizz kienu gew iffissati mill-Awtorita` intimata.

**Dr. Stanley Portelli,** ex-Kap Ezekutiv tal-Awtorita` intimata, stqarr illi meta hareg it-*tender* in kwistjoni diga kien hemm accenn illi l-*landing place* se jinghata fuq bazi esklussiva, pero' fl-istess hin l-iskop tat-*tender* kien li x-*scheduled service* jikkumplimenta servizzi ezistenti u mhux li jeqridhom.

**Dr. Robert Vassallo**, fiz-zmien in kwistoni *Legislation and Compliance Manager* u llum *Senior Manager Legal EU and International Affairs* fi hdan l-Awtorita` intimata, stqarr illi huwa kien hejja rapport ghall-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta wara li kienu gew mistoqsija dwar is-servizz li kien qed jinghata mix-*scheduled ferry services* u dan wara lmenti li kienu saru minn xi persuni mal-istess Ufficju. Jispjega illi wara li gie sottomess l-istess rapport huma ma regghu semghu xejn iktar mill-istess Ufficju. L-istess xhud jispjega illi

skond il-Port Notice in kwistjoni, l-ebda dghajsa kummercjali ma tista' topera fuq ir-rotta tax-*scheduled ferry service* bejn Marsamxett u Sliema Ferries. Jghid li, pero`, setghu isiru rotot ohra. Jghid li l-Awtorita` kienet wissiet diversi drabi lir-rikorrent stante li baqa' jopera bejn Marsamxett u tas-Sliema in kontravvenzjoni tal-Port Notice tant li anke kien intrabat b'dikjarazzjoni iffirmata minnu stess li se jsegwi l-istess Port Notice, pero` xorta baqa' jopera l-istess rotta. Jispjega li r-rikorrent insista li jista' jibqa' jopera fuq l-istess rotta stante li kien hemm kawza pendenti fejn kien qieghed jattaka l-validita` tal-istess Port Notice. Jispjega li sal-lum il-gurnata l-istess Port Notice ghadha fis-sehh.

**Joseph Sant Fournier,** rapprezentant tal-Kumpanija Marsamxetto Steam Ferry Services Limited, stqarr illi l-Kumpanija kienet irrapurtat lir-rikorrent diversi drabi stante li ma kienx qed jopera bhala *water taxi* imma iktar bhala *ferry* u dan stante li f'okkazzjonijiet kien jghajjat lin-nies biex ihajjarhom jirkbu mieghu u sakemm timtela' d-dghajsa tieghu ma jitlaqx.

**Ikkunsidra:**

Illi jirrizulta illi sussegwenti ghall-Port Notice 13 tal-2012, ir-rikorrent kien inghata diversi twissijiet verbali da parti tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata sabiex jiddezisti milli jkopli jopera l-*water taxi* tieghu fuq ir-rotta bejn Marsamxett u tas-Sliema u wkoll sabiex ma juzax il-*landing place* li kien esklussiv ghax-*scheduled ferry services*. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent injora dawn it-twissijiet verbali u ghalhekk l-Awtorita` intimata, fl-1 ta' Awissu 2013 taghtu twissija formali u avzatu li jekk se jippersisti fl-agir tieghu kienet se tirrevokalu l-licenzja kummercjali ta' operatur. Illi fl-1 ta' Awissu 2013 ukoll, permezz ta' decizjoni separata, l-Awtorita` intimata informat lir-rikorrent li minhabba nuqqasijiet da parti tieghu fl-osservanza tal-Port Notice in kwisjtoni, tad-direttivi verbali tal-ufficjali taghha u minhabba ksur tr-Regolamenti vigenti, kienet qieghdha tissospendilu l-licenza tieghu tal-*water taxi* u ta' operatur sakemm ma jobbligax ruhu bil-kitba li kien se jhares id-disposizzjonijet tal-Port Notice in kwistjoni u tar-Regolamenti vigenti u d-direttivi li jistghu jinghatawlu mill-ufficjali taghha minn zmien ghal zmien.

Illi fil-5 ta' Awissu 2013 ir-rikorrent iffirma obbligazzjoni fis-sens li nghad hawn fuq u ghaldaqstant is-sospensjoni giet imnehhija.[3]

---

3 Dok TM 3 a fol. 24

Illi permezz ta' decizjoni datata 23 ta' Awissu 2013 l-Awtorita` intimata regghet sabet lir-rikorrent in kontravvenzjoni tal-Port Notice in dizamina u ssospendietlu l-licenzji ghal erbatax-il gurnata filwaqt li taghtu twissija finali li jekk ikun hemm ksur ulterjuri kienet se tissospendilu l-licenzji indefinittivament jew anke tirrevokahomlu.[4]

Illi permezz ta' decizjoni tal-10 ta' Ottubru 2013 l-Awtorita` intimata regghet sabet lir-rikorrent in kontravvenzjoni tal-istess Port Notice u Regolamenti vigenti u ssopendietlu l-licenzji ghal tletin gurnata, imponiet multa amministrttiva ta' hames mitt ewro (€500) li kellha tithallas sal-24 ta' Ottubru 2013, u wissietu li jekk jippersisti fl-agir tieghu tista' tissospendilu l-licenzji indefinittivament jew anke tirrevokahomlu u timponi fuqu multi amministrattivi.[5]

Illi permezz ta' decizjoni tal-31 ta' Ottubru 2013 l-Awtorita` intimata kkoncediet lir-rikorrent sat-8 ta' Novembru 2013 sabiex ihallas il-multa imposta permezz tad-decizjoni tal-10 ta' Ottubru 2013.[6]

Illi permezz ta' decizjoni tat-12 ta' Novembru 2013 l-Awtorita` intimata regghet sabet lir-rikorrent in kontravvenzjoni tal-istess Port Notice u Regolamenti vigenti u ssopendietlu l-licenzji ghal erbghin gurnata u wissietu li jekk jippersisti fl-agir tieghu tista' tissospendilu l-licenzji indefinittivament jew anke tirrevokahomlu u timponi fuqu multi amministrattivi.[7] Illi minn din l-ahhar decizjoni sar l-appell odjern.

Illi ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent baqa' persistentement jisfida l-ordnijiet tal-ufficjali tal-Awtorita` ghaliex skond hu, qabel gie ffirmat il-kuntratt mal-opertur li qed jopera x-*scheduled ferry service*, l-intiza mal-Awtorita` intimata kienet li huwa, flimkien ma' ohrajn li joffru l-istess servizz, setghu jibqghu joperaw minghajr restrizzjonijiet.

Illi dan it-Tribunal huwa konsapevoli illi hemm pendenti proceduri ghal stharrig amministrattiv quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn ir-rikorrent, flimkien ma' ohrajn, qeghdin jimpunjaw l-effetti tal-Port Notice in kwistjoni. Ghalhekk dan it-Tribunal bl-ebda mod m'hu se jippronunzja ruhu jekk effettivament l-istess Port Notice hijiex wahda valida jew le. Anke kieku jrid, dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda

---

[4] Dok TM 5 a foll 27
[5] Dok TM 6 a fol. 29
[6] Dok TM 7 a fol. 31
[7] Dok TM 8 a fol. 32

kompetenza li jaghmel dan. Ghaldaqstant, stante li jirrizulta li sal-lum il-gurnata il-Port Notice in kwistjoni ghadha vigenti, u sakemm ma tigix dikjarata nulla u bla effett minn xi qorti, din trid tigi segwita. Naturalment dan qieghed jinghad bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-individwu partikolari li jkun qed jattakkaha f'kaz li l-istess Port Notice tigi dikjarata nulla u bla effett.

Ghaldaqstant, in vista li l-imsemmija Port Notice kienet u ghadha valida ghall-effetti kollha tal-ligi, ir-rikorrent ma jistghax jiddeciedi unilateralment li ma jsegwihiex u ma jobdix id-direttivi tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata u mbaghad jippretendi li l-istess Awtorita` m'ghandhiex dritt tiehu dawk il-mizuri necessarji in vista ta' ksur ripetut tal-istess direttivi. Illi kieku kull min ihoss li ligi jew regolament hu ingust jaqbad u jiddeciedi li ma jsegwihx kieku fil-pajjiz ikollna kaos totali. Min ihoss li ghandu jimpunja xi ligi jew regolament ghandu rimedji legali biex jaghmel hekk, kif del resto ghamel ir-rikorrent, pero` ma jistghax *a priori* ma jaderixxix ruhu ma' tali ligi jew regolament.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 12 ta' Novembru 2013 hija wahda gusta u timmerita li tigi konfermata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tar-rikorrenti filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**